MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 6/2009

**A B C**
**vs**
**D E F G,**
**Direttur tar-Registru Pubbliku u L-Avukat Dottor Mark Busuttil**
**u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-minuri H I G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li hi zzewwget lill-konvenut D E F G fid-9 ta' April 2003, u ottjeniet l-annullament fit-28 ta' Frar 2007; li l-attrici "bdiet relazzjonijiet ma' diversi rgiel ohrajn, u minn xi relazzjoni twieldet tarbija H I fil-5 ta' Frar 2006 liema tifla mhijiex il-wild naturF ta' l-imsemmi konvenut; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li l-minuri H I G mhijiex il-wild naturF tal-konvenut D E F G, izda bint missier mhux

maghruf; u [2] li din il-Qorti tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid relattiv numru 456/2006;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li fiha, filwaqt li ghamel eccezzjoni ta' natura procedurF rigwardanti l-kunjom tal-minuri [u li t-talba relattiva giet irtirata mill-attrici fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2009], eccepixxa li ma kienx ghadu edott mill-fatti tal-kaz, u rrimetta ruhu ghall-prova xjentifika, filwaqt li oggezzjoni li jigi soggettat ghal xi spejjez;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li biha nformaw lill-Qorti li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kawz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;
Rat ir-rapport tad-DNA mahluf mill-awturi tieghu l-AnFsta Christopher Farrugia u l-Ispizjara d-Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2009 li permezz tieghu l-attrici ritirat l-ahhar parti tat-tieni talba relattiva ghall-kunjom tal-minuri;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjF fis-sens li t-tifla H I G li twieldet mill-attrici fil-5 ta' Frar 2006 u li fuq l-att tat-twelid taghha numru 456/2006 giet registrata bhala bint il-konvenut D E F G, fil-fatt mhijiex il-wild naturF ta' dan il-konvenut, izda l-wild ta' missier mhux maghruf.

Illi l-attrici tghid li hija qatt ma kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut zewgha, peress li dan iz-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza. Hija tghid li kienet tmur ma' diversi rgiel u kienet tkun xurbana, u kien ikollha relazzjonijiet intimi

maghhom.  Ghalhekk issostni li t-tifla mhijiex il-wild naturF ta’ l-imsemmi konvenut.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jissufragaw  it-tezi attrici, stante li jikkonfermaw li l-konvenut D E F G mhuwiex il-missier naturF tat-tifla H I.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u, filwaqt li tiddikjara li t-tifla H I li twieldet mill-attrici fil-5 ta’ Frar 2006 mhijiex il-wild naturF tal-konvenut D E F G, tiddikjara li l-istess tifla hija l-wild ta’ missier mhux maghruf; u tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet l-imsemmi att tat-twelid.

Spejjez a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------